MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 986/2004

Carmelo Ciappara
vs
Franz Steinboeck ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Dairy Products Limited u b'nota tat-22 ta' Frar 1988 Dr. Vincent Falzon assuma l-atti tal-kawza minflok Franz Steinboeck u b'nota tat-28 ta' Frar 1990 Gaetano Buttigieg assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta:

Illi dan hu rikors ghall-mandat in factum.

Illi s-sentenza moghtija mill-Qorti fis-7 ta' April 2000, kienet giet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, li kienet sentenza dikjaratorja li kull

penali mwahhla lir-rikorrent mill-Malta Dairy Products Limited kienu nulli u bla effetti.

Fost dawn il-penali barra l-flus kien hemm ukoll thassir ta' parti mill-kwota tal-halib konsistenti f'51 gallun u nofs kuljum, barra penali pekunjarji li kienu jinqatghu immedjatament mill-kumpanija unilateralment.

Illi minn meta kienet inghatat is-sentenza tal-appell sal-lum kienu saru diversi tentattivi biex ikun hemm esekuzzjoni ghas-sentenza, u wara li l-kumpanija kienet bidlet l-avukati kien hemm inkontri u diversi skambji ta' korrispondenza.

Illi ma kienx hemm mezz iehor ghall-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti u tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hlief il-mandat in factum previst mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond l-Artikolu 385 et seq.

Illi r-rikorrent kien lest li jiddeposita l-ammont li tordna din il-Qorti ghall-esekuzzjoni tal-mandat.
Illi stante li din hija kumpanija u d-diretturi taghha jinbidlu, imma xorta tibqa' r-responsabbilita` personali ta' kull direttur li jesegwixxi l-ordnijiet tal-Qrati, u dan fil-mument li din il-Qorti joghgobha tordna l-hrug tal-mandat, wara d-debita notifika lill-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat in factum halli jinghata effett ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' April 2000 konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-10 ta' Ottubru, 2003 u dan taht dawk il-provvediment li taghti din il-Qorti wara d-debita notifika lill-kontro-parti, inkluza dik l-ordni kontra l-ufficjali u d-diretturi ta' l-istess kumpanija konvenuta.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-Malta Dairy Products Limited li eccepiet:

Illi kien minnu li s-sentenza citata mir-rikorrent kienet wahda esklussivament dikjaratorja: fil-kaz odjern l-attur ma kienx segwa t-talba tieghu b'talba ohra li permezz

taghha l-Qorti kellha tordna r-rimbors jew li jithallsu d-danni mis-socjeta` intimata u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex ghazla ohra hlief li tillimita ruhha ghal dak li kien gie mitlub minnha mir-rikorrent fic-citazzjoni u effettivament kienet iddikjarat li l-penalitajiet imposti fuqu mis-socjeta` intimata kienu nulli u bla effett.

Illi inoltre, in vista tan-natura esklussivament dikjaratorja tat-talba u tas-sentenza sussegwenti, is-socjeta` intimata ma gietx u ma setghetx tigi ordnata mill-Qorti biex tiehu xi azzjoni jew tagixxi b'xi mod.

Illi Artikolu 385(1) tai-Kap. 12 jipprovdi li *"mandat in factum ghandu jkun fih ordni lill-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti biex l-ezekutat jigi mehud il-habs u jinzamm hemm bi spejjez tieghu nnifsu* ***sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat bis-sentenza,*** *jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg* ***sabiex tizgura l-ezekuzzjoni ta' dak il-****fatt"* u t-test Ingliz tal-istess artikolu jitkellem dwar " ... the performance of the act ordered by the judgement......"

Illi ma kienx dubju li fis-sentenza taghha citata mir-rikorrent, il-Qorti ma kienet ghamlet ebda ordni sabiex is-socjeta` intimata taghmel xi fatt jew xi haga, izda kienet illimitat ruhha ghat-talba kontenuta fic-citazzjoni u kienet ghamlet id-dikjarazzjoni mitluba u ghalhekk it-talba ghall-hrug ta' mandat in factum fil-kaz odjern kienet vessatorja u ma kenitx tista' tintlaqa' ghax mhix skond il-ligi.

Illi inoltre ta' min wiehed isemmi li dwar din il-kwistjoni kienet giet skambjata korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet u jidher li hemm kontroversja u nuqqas ta' qbil dwar l-interess legali tar-rikorrent in vista tal-fatt bis-sahha ta' skrittura tat-12 ta' Settembru 1988 kien ittrasferixxa lil terzi kull interess li kellu fil-kwota tal-halib tieghu u s-socjeta` intimata kienet annettiet kopji tal-iskambji li saru bil-miktub (Dok A, B, C, D, E, F, G, H) u dan sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni ahjar li tifhem li kwistjoni mhix wahda semplici daqskemm kien qed jipprova jpingiha r rikorrent.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta’ mandat in factum kontra s-socjeta` intimata ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-attur ghamel din il-kawza stante li qed jallega li b’sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet moghtija fis-7 ta’ April 2000, u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fl-10 ta’ Ottubru 2003 fejn il-penalitajiet imwahhlin lill-attur mill-konvenut nomine gew dikjarati kontra l-ligi u ghalhekk nulli u bla effett. Ghalhekk, l-attur talab li in esekuzzjoni tal-fuq imsemmija sentenza din il-Qorti tordna l-hrug ta’ ***mandat in factum*** kontra l-konvenut nomine.

Illi l-Artikolu 385(1) tal-Kap 12 jiddisponi:
“Il-mandat in factum ghandu jkun fih ordni lill-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti biex l-ezekutat jigi mehud il-habs u jinzamm hemm bi spejjez tieghu nnifsu sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat bis-sentenza, jew sakemm il-Qorti jidhrilha li huwa mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta’ dak il-fatt.”
(2) “Il-mandat m’ghandux jinhareg hlief wara rikors mill-kreditur u l-Qorti ghandha tohrog il-mandat biss jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta’ esekuzzjoni ohra.”

Permezz ta’ l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta’ l-Att XXXI ta’ l-2002 it-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat ghandha ssir b’rikors.

Ghalhekk, dan il-mandat ghandu jkun precedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att li jibqa’ mhux esegwit u l-Qorti trid tara li tali mandat huwa necessarju sabiex tigi esegwita s-sentenza. (ara **Agius vs Dimech** deciza mill-Qorti Civili Prim Awla fit-22 ta’ Novembru 1866, u **Mallia vs Lanzon**

Prim Awla deciza fil-21 ta' Novembru 1879 u **Camilleri vs Azzopardi** Prim Awla deciza fit-23 ta' Frar 1860).

Fis-sentenza **Vincenzo Farrugia Busuttil et vs Giovanni Magri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Novembru 1901 gie affermat:
"Il mandato in factum non si puo ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore il pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore alle prestazione di un fatto."

Dan inghad ukoll fis-sentenza **Pace Bonello vs Gatt** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1898:
"Per la spedizione del mandato in factum e` necessario l'inadempimento di un fatto personale del debitore….L'obbligo di pagare una somma di denaro o di consegnare o depositare una cosa determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenza, consiste in una obbligazione di dare ed il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato in factum."

F'dan il-kuntest, ta' min ighid ukoll li t-tieni konsiderazzjoni li ghandha tigi ezaminata mill-Qorti hija jekk dan il-mandat huwiex ukoll mehtieg sabiex jassigura l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Illi ghalhekk, inghad diversi drabi fil-gurisprudenza nostrana li:
"Il mandato in factum non si puo ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanni il debitore al pagamento di una somma di danaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanni il debitore alla prestazione di un fatto." (**Vincenzo Farrugia Busuttil maritali noe. ed altri vs Giovanni Magri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Novembru 1901). Kif ukoll, f'**Giuseppe Sciberras vs Michele De Domenico** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' April 1903, intqal, "Il mandato in factum non si puo ottenere quando il fatto ordinato nella sentenza…….consista nel pagamento di un debito".

Illi meta dawn il-principji jigu applikati ghall-kaz ***de quo*** jirrizulta li s-sentenza citata bejn il-partijiet datata 7 ta' April 2000 iddikjarat li l-penalitajiet imwahhlin lill-attur mill-konvenut nomine huma kontra l-ligi u ghalhekk nulli u bla effett. Illi dan gie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell. Izda, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, abbazi tal-gurisprudenza nostrana, din il-procedura odjerna ma tistax tirnexxi stante li dan il-mandat ma huwiex disponibbli ghall-kaz in kwistjoni u dan peress li s-sentenza ddikjarat li l-penalitajiet imwahhla lill-atturi mill-konvenut nomine huma nulli; fi kliem iehor din id-decizjoni ma tikkonsistix ***f'obbligazione di fare*** u l-Artikolu 385 tal-Kap 12, japplika biss ghal decizjonijiet bl-obbligazione di fare.

L-artikolu 385(1) tal-Kap 12 jistipula li l-mandat ghandu jkun fih ordni sabiex l-ezekutat jigi mehud il-habs, sabiex hemm jinzamm bi spejjez tieghu nnifsu sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat b'sentenza …..Issa fit-test Ingliz, il-kliem, "until the performance of the act ordered by the judgement or until such time as the Court may deem necessary to ensure such performance." Dawn il-kliem ifissru li sabiex jinhareg mandat ***in factum***, irid ikun hemm sentenza li tkun ikkundanat lill-parti li ghandha t-tort fil-kaz u tordnalu li jwettaq l-ezekuzzjoni ta' tali sentenza. L-implikazzjoni ta' dan l-artikolu hija cara bizzejjed.

Illi fl-24 ta' Novembru 1866 diga kien gie affermat mill-Qorti fil-kaz **Galea utrinque**, hekk kif rapportat fil-Cremona Giurisprudenza Patria Vol. 1 p. 834 illi:
"il mandato in factum si accorda dalla legge come per eseguire una sentenza e` consiste nel condanna l'esecutato in prigione per esservi trattenuto a propria spese finche` non avesse adempito il fatto ordinato colla sentenza".
Izda, punt importanti hafna li ghandu jigi ezaminat fir-rigward tal-mandat in factum, huwa jekk jezistix xi mezz iehor ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti u tal-Qorti ta' l-Appell.

U dan proprju ghaliex hekk kif gie deciz fil-kaz **Fedele Dalli vs Victor Mallia** mill-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 1974 fej inghad:

"Difatti wiehed mill-fatturi li jrid jigi accertat ghall-hrug ta' dan il-mandat, hu jekk gewx esegwiti mezzi ohra ta' esekuzzjoni jekk dan ikun possibli fic-cirkustanzi".

Fil-kaz in ezami, ma jirrizulta li saru ebda laqghat bejn il-partijiet sabiex dawn jaslu ghall-ftehim dwar l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti, almenu ma ngibux provi dwar dan. Kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet hekk kif jirrizulta minn fol 19 sa 26, izda dan ma jfissirx li m'hemm l-ebda tentattiv iehor li jista' jsir sabiex issehh l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell.

**D. KONKLUZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni li s-sentenza citata mir-rikorrent hija wahda dikjaratorja, jirrizulta li l-kawza deciza kemm minn din il-Qorti diversament presjeduta u mill-Qorti ta' l-Appell tikkonferma li l-penalitajiet imwahhlin lill-attur mill-konvenut nomine huma kontra l-ligi u ghalhekk nulli u bla effett. Illi l-Qorti laqghet it-talba ta' l-attur izda ma marritx oltre , billi ma ordnatx li jsiru affarijiet li ma kinux mitluba fic-citazzjoni. Ghalhekk, is-sentenza hija biss dikjaratorja, fis-sens, li hija limitata biss ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-penalitajiet in kwistjoni. Ghaldaqstant, tilqa' l-ewwel eccezzjoni.

Dan huwa sufficjenti biex il-Qorti tieqaf hawn izda thoss li ghandha zzid li dwar it-tieni eccezzjoni huwa minnu li l-Qorti ma ordnatx li tittiehed azzjoni. Veru li sabiex is-sentenza tal-Qorti jkollha effett, l-attur irid jitqieghed fl-***istatus quo ante***. Izda, biex dan isehh, hemm triqat ohra sabiex l-attur jottjeni l-esekuzzjoni tal-istess sentenza u mhux il-procedura tal-***mandat in factum***. Illi dan ma jfissirx li l-Qorti mhix thares l-osservanza tad-decizjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, proprju ta' dawn il-Qrati. Tilqa' t-tieni eccezzjoni.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------